MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 70/2000/1

**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004.**

**Citazzjoni numru 70/2000 GC**

**Falzon Service Station Limited**

**vs**

**Rainbow Mix Concrete Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett elef hames mija u disghin liri maltin u sebhga u sittin centezmu (Lm3595.67) rappresentanti prezz ta’ fuel mibjugh u kkonsenjat lilha fuq ordnijiet taghha stess, skond l-invoices tas-socjeta attrici, kopja ta’ liema invoices huma hawn annessi bhala dokument ‘A’ u kif jidher ukoll mill-prospett tas-socjeta attrici, li kopja tieghu hija hawn annessa bhala DoK ‘B’;

Illi l-istess socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi anke ufficjalment biex thallas ghal-fuel imsemmi, minnha ordnat u lilha kkonsenjat, u xorta baqghet inadempjenti;

Illi d-dejn tas-socjeta konvenuta huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici s-socjeta konvenuta m’ghandhiex eccezzjoni valida x’taghti kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) ‘et sequitur’ tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness affidavit tar-rapprezentant ta’ l-attur u mmarkat bhala Dok ‘C’;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m’ghandiex dina l-Qorti :

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett elef hames mija hamsa u disghin liri maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm3595.67) rappresentanti prezz ta’ fuel minnha ordnat u lilha kkonsenjat fuq ordnijiet taghha stess;

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta, li r-rapprezentanti taghha gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta'eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie ecepit :-

1) Preliminarjament illi, s-socjeta konvenuta m'hiex il-legittimu kontradittur stante illi l-fuel inkwistjoni ma giex mibjugh u kkonsenjat lilha izda lil terzi u, ghalhekk l-istess socjeta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2) Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, is-socjeta konvenuta kellha ftehim mas-socjeta attrici fis-sens illi l-istess socjeta konvenuta taghmel tajjeb ghall-prezz tal-fuel mibjugh u kkonsejnat lil terzi kif fuq spejgat wara li s-socjeta attrici tibghat id-delivery notes u l-invoices rilevanti u wara li l-istess socjeta konvenuta tkun ghamlet il-verifiki u l-konteggi neccessarji mat-terzi in kwistjoni;

3) Illi l-maggoranza tad-delivery notes u invoices in kwistjoni jikkoncernaw fuel allegatament mibjugh u kkonsenjat lil certu wiehed Emanuel Bezzina li xi zmien ilu kien tajjar ciclista fi Isqallija fejn gie, sussegwentement mizmum barra minn Malta;

4) Illi, ghalhekk sakemm il-persuna in kwistjoni ma tirritornax Malta, is-socjeta konvenuta m'hiex f'posizzjoni li taghmel il-konteggi u verifiki necessarji biex taghlaq il-kontijiet tieghu;

5) Illi s-socjeta attrici kienet a conoscenza ta' dan il-fatt, ghal liema raguni s-socjeta konvenuta m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' din l-istanza, liema kawza hi ntempestiva u saret inutilment;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta'riduzzjoni tas-socjeta attrici li permezz taghha t-talba giet ridotta minn Lm3595.67 ghal

Lm3028.67 stante pagament ta’ Lm567 mis-socjeta konvenuta fil-mori tal-kawza;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici u rat l-affidavit prodott mis-socjeta konvenuta;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2003;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta’ tlett elef hames mija u disghin liri maltin u sebhga u sittin centezmu (Lm3595.67) prezz ta’ fuel mibjugh u kkonsenjat fuq ordnijiet tal-istess socjeta konvenuta. It-talba relattiva tas-socjeta attrici giet ridotta permezz ta’ nota taghha stess ghas-somma ta’ tlett elef u tmienja u ghoxrin liri maltin u seba u sittin centezmu (Lm3028.67) stante pagament ta’ Lm567 mis-socjeta konvenuta fil-mori tal-kawza;

Is-socjeta konvenuta teccepixxi li hi mhux il-legittimu kontradittur stante illi l-fuel in kwistjoni ma giex mibjugh u kkonsenjat lilha izda lil terzi u, ghalhekk, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Teccepixxi ukoll li hi kellha ftehim mas-socjeta attrici fis-sens illi l-istess socjeta konvenuta taghmel tajjeb ghall-prezz tal-fuel mibjugh u kkonsejnat lil terzi wara li s-socjeta attrici tibghat id-delivery notes u l-invoices u wara li l-istess socjeta konvenuta tkun ghamlet il-verifiki u l-konteggi neccessarji mat-terzi in kwistjoni. Il-maggoranza tad-delivery notes u invoices in kwistjoni jikkoncernaw fuel allegatament mibjugh u kkonsenjat lil certu Emanuel Bezzina li kien qed jigi mizmum barra minn Malta u ghalhekk sakemm dan ma jirritornax Malta, ma jistghux isiru l-konteggi u l-verifiki necessarji;

Fl-ahhar is-socjeta konvenuta teccepixxi li s-socjeta attrici taf b’dan kollu u ghalhekk is-socjeta konvenuta zgur li

m'ghandiex tbaghti l-ispejjez peress li din l-istanza hi ntempestiva u saret inutilment;

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta rigwardanti l-legittimu kontradittur zgur li ma tistax tigi akkolta. Il-ftehim verbali li ntlahaq bejn il-partijiet kien fis-sens li s-socjeta attrici kellha tissupplixxi l-fuel lill-burdnara u kuntratturi tas-socjeta konvenuta u s-socjeta konvenuta dahlet responsabbli ghal-hlasijiet relattivi;

Is-socjeta konvenuta inoltre tippretendi li skond il-ftehim hi kellha tghamel tajjeb ghall-prezz tal-fuel wara li s-socjeta attrici tibghat id-dokumentazzjoni kollha necessarja sabiex ikunu jistghu jigu verifikati l-kontijiet. Is-socjeta konvenuta tippretendi li ma setghetx tghamel dawn il-verifiki peress li l-burdnar jew il-kuntrattur in kwestjoni kien u jista jkun ghadu mizmum barra minn Malta. Jidher li s-socjeta attrici ghadet ghall-obbligi taghha li tibghat id-dokumentazzjoni kollha relattiva. Zgur li mhux minhabba xi nuqqas attribwibbli lis-socjeta attrici li s-socjeta konvenuta ma tistax tghamel il-konteggi u l-verifiki kolha necessarji. Ghalhekk lanqas l-eccezzjoni l-ohra kollha ma jistghu jigu akkolti;

Mill-banda l-ohra it-talbiet tas-socjeta attrici kif ridotti jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha :-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet attrici kif ridotti u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef u tmienja u ghoxrin liri maltin u seba u sittin centezmu (Lm3028.67) rappresentanti prezz ta' fuel minnha ordnat u dana bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------